TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 108/23/F

**Carmel Palmier u Jade Palmier**

**vs**

**Airmalta plc**

Illum, 13 ta' Novembru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-23 ta' Ġunju 2023;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar id-9 ta' Awwissu 2023;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti u sema' s-sottomissjonijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi r-Rikorrenti qed jitlobu li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallshom is-somma ta' **elfejn u mija u ħamsa u sebgħin Euro (€2,175)** rappreżentanti danni attwali u morali li huma sofrew minħabba li l-azjenda intimata naqset milli twassal il-bagalji li huma ħadu magħhom għat-titjira KM 349 tad-29 ta' April 2023 minn Malta għal Amsterdam sabiex minn hemm jimbarkaw fuq *cruise* fil-fjordi Skandinavi.

Illi tramite r-Risposta li hija ppreżentat, l-azjenda intimata bl-ebda mod ma tikkontesta l-aspett fattwali li l-bagalji tar-Rikorrenti tħallew l-art iżda tasserixxi li hija kienet diġà offriet *settlement* lir-Rikorrenti skont il-*policies* tagħha fl-ammont komplessiv ta' €300 u tgħid li hija disposta tħallas dan l-ammont.

Illi r-Rikorrenti Carmal Palmier u Jade Palmier it-tnejn xehdu bil-ġurament quddiem it-Tribunal u in succint spjegaw li minħabba n-nuqqas tal-azjenda intimata spiċċaw għamlu ħamest' ijiem minn *cruise* ta' ġimgħa fl-Iskandinavja bl-istess sett ta' ħwejjeġ ħfief li kienu siefru bihom minn Malta. Spjegaw li t-temperaturi fl-Iskandinavja kienu ta' madwar -6°C u għalhekk tilfu ħafna mill-programm li kien imħejji apparti l-iskomfort fiżiku minħabba l-bard. Kien biss wara ħamsest' ijiem li rnexxielhom jixtru xi ħwejjeġ addattati għal dik il-klima. Jixhdu illi madankollu, l-parti l-kbira tan-nefqa fuq il-ħwejjeġ kien koperta tramite l-assikurazzjoni li huma kellhom.

Illi minkejja li kienet debitament notifikata għas-seduta u ankè kienet ippreżemtat Risposta, l-azjenda intimata naqset milli tidher għas-seduta tas-6 ta' Novembru 2023 u ma ressqet l-ebda provi.

Illi t-Tribunal, minn dak verbalizzat mill-abbli rappreżentant tar-Rikorrenti fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023, jinnota li li minbarra talba għal danni attwali, ir-Rikorrenti qiegħdin ukoll jagħmlu talba għal danni morali, liema talba għandha tiġi eżaminata taħt id-dettami tal- Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba n-nuqqasijiet lampanti minn naħa tal-azjenda intimata f'dan il-każ u n-natura kemmxejn partikolari tal-każ, it-Tribunal sejjer jillikwida d-danni morali għall-inkonvenjenza sofferta fis-somma ta' **€400**.

Illi mill-bqija tibqa' l-likwidazzjoni tad-danni attwali. Ir-Rikorrenti ġadu prova li huma kienu ħallsu s-somma totali ta' €3,045 għall-*cruise*.

Illi skont ma jiddisponi li-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, "it-Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talb apreżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità". Ukoll, fi kliem il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċiża 13.10.2004);

Illi għalhekk, wara li qies sewwa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal iqis *arbitrio boni viri* li somma li raġjonevolment tkopri d-danni attwali sofferti mir-Rikorrenti

hija nofs is-somma li tkopri l-prezz ta' ħamest' ijiem mill-*cruise* ta' sebat' ijiem u ċioè is-somma ta' **€1,087.50**.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrenti s-somma komplessiva ta' elf, erba mija u seba u tmenin Euro u ħamsin ċenteżmu (€1,487.50). L-imgħax jgħodd mid-data ta' din is-sentenza.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha mill-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***